MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 401/2008

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar**
**u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati**
**nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-09 ta' Lulju1992 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalhekk iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fid-09 ta' Lulju 1992.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta, u jekk, jirnexxilhom jikkomunikaw ma' l-assenti minnhom rapprezentata;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta assenti fid-9 ta' Lulju 1992 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-9 ta' Lulju 1992 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 18-il sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sena. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fit-13 ta' April 1993. Wara

snin ta’ konvivenza, il-partijiet isseparaw de facto billi l-konvenuta habta u sabta telqet mid-dar konjugali u siefret.

Illi l-attur jispjega li ftit xhur qabel iz-zwieg, il-konvenuta kellha tmur tabita mal-ġenituri tieghu, stante li kien hemm l-inkwiet bejn il-ġenituri taghha u missierha kecca lil kulhadd il-barra. Ghalhekk il-konvenuta spiccat tghix ma’ l-attur ghand il-ġenituri tieghu; izda ommu ma kinitx toghgobha din is-sitwazzjoni u kienet ghamlet pressjoni fuqhom it-tnejn biex jizzewgu la darba kienu qed jghixu that saqaf wiehed, u l-partijiet cedew ghal din il-pressjoni: l-attur, ghax il-pressjoni kienet ġejja minn naha ta’ ommu, u l-konvenuta ghax kienet ghadha zghira hafna u ghax ma kellhiex triq ohra.  Huwa jghid “Ommi tant kienet qed taghmilli pressjoni li spiccajt kont inhossni skomdu d-dar, u ma stajtx nibqa’ nghix hekk. Ma kellniex ghazla…….. [ommi] ma setghet qatt taccetta illi kellna tfajla barranija tghix maghna fl-istess dar sakemm ma kinitx il-mara tieghi.”[1]  Jghid: “Jiena ghaliha dakinhar [taz-zwieg] ma kontx lest, u hi ghamlet li ghamlet ghax ma kellhiex saqaf fuq rasha.”[2]

Dwar il-konvivenza matrimonjali, l-attur jghid li l-inkwiet beda mill-ewwel snin taz-zwieg, u wara sentejn u nofs bdew jirriskontraw problemi kbar bejniethom rizultat ta’ inkompatibilita’ ta’ karattru. Huwa jilmenta mill-fatt li l-konvenuta, allura martu, kienet egoista fil-konfront tieghu, u wara x-xoghol gieghli ma sabx l-ikel id-dar, filwaqt li martu kienet taghmel hinijiet twal ticcettja fuq il-kompjuter.

Rigward tfal jghid li, wara t-twelid tat-tarbija circa sena miz-zwieg, “Hi ma riditx taf;  sewwa l-affarijiet ma kienux; sewwa ma konniex fiz-zwieg, allura hi ma riditx tfal, u bqajt inzomm iz-zwieg.”[3] L-attur jghid li huwa dam fil-konvivenza ma’ martu b’ tentattiv biex izomm iz-zwieg intatt, anke minhabba bintu, izda l-hajja konjugali bejniethom kienet gja ntemmet sentejn u nofs wara z-zwieg.

---

[1] Aff. Fol.21
[2] Dep. 5 ta’ Frar 2009
[3] Ibid.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi, u senjatament mill-komportament tal-partijiet wara z-zwieg, jirrizulta li l-partijiet ma kienux lesti li jiehdu l-pass li hadu, u li kienu zzewgu f' dak iz-zmien unikament minhabba l-pressjoni da parti tal-genituri ta' l-attur u c-cirkostanzi li sabu ruhhom fihom. Jirrizulta li, f' dak l-istadju l-partijiet ma kienux fehemu u gharrfu l-impenn tal-hajja konjugali bhala unjoni diretta lejn il-benessere reciproku; u rrizulta li ma kienux kapaci li jifformaw bejniethom 'a community of love and life". F' dan is-sens huma kienu qed ibatu minn difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju dwar l-obbligi essenzjali tal-hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, da parti taz-zewg partijiet.

**Decide**
Ghal dawn il-motiv tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Lulju 1992. L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------